**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 387/20 AL

A B

vs

C B

(M.R. numru 1434/1991)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tmintax (18) t' Awwissu tal-elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) (ara hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A' iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness) u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, D B u E B, li illum huma maġġorenni (ara ċertifikati tat-twelid hawn annessi u immarkati 'Dok B' u 'Dok C');

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b' kuntratt redatt minn Nutar Dottoressa Rachel Busuttil mis-sitta (6) t' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (2004) (ara hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D') illi juri li

l-partijiet ilhom separati legalment għal dawn l-aħħar ħmistax (15)-il sena;

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom ħmistax-il sena mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separati minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra;

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-minuri huma issa maġġorenni u qed jgħixu l-ħajja tagħhom, u inoltre l-partijiet iddekadew definittivament għal kull jedd tagħhom li jitolbu u/jew jirċievi manteniment mingħand xulxin u dan skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 8);

5. Illi l-attriċi tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha ossia 'F';

Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fil-Knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfragu l-Belt Valletta fit-18 ta' Awwissu 1991 bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

3. Tiddikjara u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jemenda d-dokumenti neċessarji ħalli li l-mara tirriverti għal kunjom xbubitha, ossija 'F'.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Awwissu 2004;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart(10) ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.